**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża**

**(Kawża C-330/08)**

(2008/C 272/12)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u G. Rozet, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża.

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 2004/35/KE tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([1]), ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 19 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/35/KE skada fit-30 ta' April 2007. Sad-data li fiha ġie ppreżentat ir-rikors, ebda miżura ta' traspożizzjoni neċessarja ma kienet għadha ġiet adottata mill-konvenuta.

([1]) ĠU L 143, p. 56.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu**

**(Kawża C-331/08)**

(2008/C 272/13)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u G. Rozet, aġenti)

*Konvenut:* Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([1]), il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 19 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/35/KE skada fit-30 ta' April 2007. Issa, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-miżuri ta' traspożizzjoni neċessarji ma kinux għadhom ġew adottati mill-konvenut.

([1]) ĠU L 143, p. 56.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża**

**(Kawża C-332/08)**

(2008/C 272/14)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u A. Alcover San Pedro, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali ([1]), ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 10 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.